MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Numru. 145/2012

Il-Pulizija
(Sp Michael Mallia)
vs
Arturo Busuttil, iben Nazzareno, imqwieled Pieta' fis-7 ta' Mejju, 1962, karta ta' l-identita numru 297062(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-2 ta' Frar, 2012 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
a. talli fit-2 ta' Diċembru, 2011 f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal

tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika għamel qliegħ ta' €100 b'qerq għad-dannu ta' Francesco Zarb;
b. talli fl-24 ta' Novembru, 2011 f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika għamel qliegħ b'qerq għad-dannu ta' Tommaso Briffa;
c. talli fit-18 ta' Novembru, 2011 f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika għamel qliegħ ta' €40 b'qerq għad-dannu ta' Maria Dolores Caruana;
d. talli fid-9 ta' Novembru, 2011 f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika għamel qliegħ b'qerq ta' aktar minn €232.93 iżda mhux aktar minn €2,329.37 għad-dannu ta' Maria Rosa Mifsud;
e. talli fit-28 ta' Ottubru, 2011 f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika għamel qliegħ ta' €70 b'qerq għad-dannu ta' Teresa Cuschieri;
f. talli fit-18 ta' Ottubru, 2011 f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew

biża’ dwar xi ġrajja kimerika għamel qliegħ ta’ €85 b’qerq għad-dannu ta’ Lorenzo Cini;

g. talli fit-2 ta’ Frar, 2012 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, f’Malta, assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitti f’Malta u cioe’ ir-reati ta’ frodi b’egħmil qarrieqi skont l-artikoli 308 et seq. tal-Kodiċi Kriminali, li għalih hemm il-piena tal-priġunerija, u li ma jkunx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa;

h. talli kkometta reat, li għalih hemm il-piena tal-priġunerija, waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza mogħti lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta’ Diċembru, 2008;

i. talli rrenda ruħu reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b’sentenzi mogħtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Marzu, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ April, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat ħallas dak kollu dovut.

Rat is-sentenza tad-19 ta’ Diċembru, 2008 fejn is-sentenza sospiża ta’ sena priġunerija ġiet imġedda b’perjodu ieħor minn dik oriġinali tal-31 ta’ Lulju, 2007.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 49, 50 u 308 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ tlett xhur priġunerija. Rat is-sentenza tal-31 ta’ Lulju, 2007, kif imġedda bis-sentenza tad-19 ta’ Diċembru, 2008 fejn l-imputat ġie ikkundannat għal sena priġunerija. Rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat li jibda jiskonta s-sentenza ta’ sena priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------